**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 23 – IT-TLIETA, 10 TA’ MEJJU 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Simon Ellul Sullivan | Membru |

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 22

1.1 Ma kienx hemm korrezzzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfed Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mill-Minuti

2.1 Il-Kumitat innota li twaħħlu t-tabelli fi Triq il-Ħuttaf li jindikaw sewqan massimu ta' 35 k/m.

2.2 Il-Kumitat innota r-risposta pożittiva minn TM rigward is-speed indicator fi Triq tas-Sliema. Din għandha ssir minn TM.

2.3 Il-Kumitat innota li għad trid titwaħħal it-tabella għal un/loading bil-ħinijiet approvati minn TM fi Triq Birkirkara.

2.4 Ġie innutat ukoll li sar xogħol ta' refreshing fit-Toroq Ħuttaf, Malvizz, Falkun, u Alwett, kif ukoll id-double yellow lines mal-Ġnien G M Camilleri fi Triq Antonio Schembri.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Għandha tintbagħat lil TM rigward resurfacing ta' Triq il-Ġojjin.

3.2 Il-Kumitat ġie nfurmat li s-sevizz ta' ġbir ta' skart domestiku lill-Klarissi huwa tajjeb u regolari.

3.3 Ic-Chairman informa lil-Kumitat li hemm spazju bizejjed fi Ġnien G M Camilleri biex isir outside gym. Għandha terġa' ssir site visit oħra.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Ġie innutat li hemm bozza maqtugħa fi Triq Antonio Schembri kantuniera ma' Triq is-Summien.

4.2 Kien hemm qbil li jiġi shifted arblu bil-bozza fi Triq il-Ħuttaf kantuniera ma' Triq il-Malvizz minħabba li hija viċina ta' bozza oħra.

4.3 Għad hemm xi xogħol ta' tabelli u sinjali fi Triq Birkirkara wara li din ġiet resurfaced, kif ukoll il-floodlighting taż-zebra crossing.

4.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm xi toroq fil-Kappara li ma ġiex imqassam il-Ħuġġieġa. Għandha ssir laqgħa mal-Maltapost fuq din.

4.5 Ghandhom jigu infurmati r-residenti meta jkun ser isiru linji tal-parking bays biex ikunu infurmati ma jhallux il-karozzi hem.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.40pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2016 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**